TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 27/12-F

**Francis u Josephine Galea**
**vs**
**Europa Tours Ltd.**

Illum 12 ta' Marzu, 2013 .

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-30 ta' Jannar, 2012 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' elfejn, mitejn u ħamsin ewro (€2,250), rappreżentanti diversi nuqqasijiet fuq il-vaganza meta marru l-Italja – '*Italia delle Meraviglie*'.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu ibbukjaw vjaġġ lejn l-Italja mas-soċjeta' ntimata, liema vjaġġ offrut taħt l-isem '*Italia delle Meraviglie*', illi kien hemm diversi nuqqasijiet, fosthom illi ma kinux ibbukjati fuq it-titjira minn Malta lejn l-Italja, illi biddlu l-kamra fil-hotel erba' darbiet, u kif ukoll illi kellhom joqogħdu ġurnata żejda minħabba li ma kinux ibbukjati fit-titjira sabiex jiġu lura Malta, u dan kollu għamel il-vaganza inaċċettabli.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi huma ppruvaw jirranġawlhom kollox, fil-fatt mill-ewwel telgħu fuq it-titjira, għalkemm kellhom xi problemi fil-kmamar, dawna xorta rranġaw kollox u bħala ritorn tat-titjira offrewlhom joqogħdu lejl ieħor b'xejn u ħallsulhom it-taxis ukoll.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi meta wieħed jibbukja vaganza, għandu jingħata dak li huwa mwiegħed lilu. Jidher illi f'dan il-każ jew intesew, jew ma ġewx ibbukjati, u allura s-soċjeta' ntimata ppruvat taqdihom.

It-Tribunal jinnota l-isforzi kollha tas-soċjeta' ntimata, pero' xorta jibqa' l-fatt illi kien hemm inkonvenjent illi tagħmel vaganza insopportabli.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' mitejn ewro (€200), kif ukoll ħamsin ewro (€50) bħala danni morali, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**